3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Technical Attaché at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 For the duration of the Agreement, the Technical Attaché shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER January 2026 V1.3) and which may be updated from time to time.

Duties

4. The job duties for the position of Technical Attaché include:

The Technical Attaché is the technical expert on EU justice policy, with a particular focus on civil and commercial justice, criminal justice, rule of law and fundamental rights. The Technical Attaché reports directly to the Permanent Representative of Malta to the European Union.

The Technical Attaché is responsible for providing advice to the Permanent Representative and to other relevant entities within the Government, as well as coordinating

kwistjoni teknika fuq is-suġġetti diversi tal-politika tal-ġustizzja tal-UE (b'mod partikolari l-acquis tal-UE relatat mal-ġustizzja ċivili u kummerċjali, il-liġi kuntrattwali u l-liġi tal-kumpaniji kif ukoll il-ġustizzja kriminali, l-istat tad-dritt, u d-drittijiet fundamentali) fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti. It-Technical Attaché huwa ukoll responsabbli li jżomm aġġornat lir-Rappreżentant Permanenti fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli. Huwa mistenni li l-kandidat ikollu l-isfond legali meħtieġ li jgħin biex jifhem il-kumplessitajiet u jagħti rispons lura dwar kwistjonijiet diversi marbuta mal-acquis relatat mal-qasam li għalih huwa responsabbli. Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

any tasks and following any issues on the various topics of EU justice policy (in particular EU acquis related to civil and commercial justice, contract law and company law, as well as criminal justice, rule of law and fundamental rights) within the Permanent Representation. The Technical Attaché is also responsible for keeping the Permanent Representative abreast of any relevant issues in the area of responsibility. The candidate is expected to have the necessary legal background that enables him to understand the complexities and give feedback on the different issues related to the EU acquis related to the area of responsibility. This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

Qasam Estern

i. Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill kif mitlub, fil-laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u fil-Kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-noti ta' istruzzjoni li għalihom it-Technical Attaché jrid ikun jista' jikkontribwixxi wkoll;

External

i. Representing Malta in meetings of the Council preparatory bodies as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes to which the Technical Attaché must also be able to contribute;

ii. Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-lista ta' distribuzzjoni approvata, kif ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown jew messaġġ, dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-Ministeru kkonċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti;

ii. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved distribution list as well as alerting, by telephone/message, the Ministry concerned, the EU Coordination Department and the Permanent Representative in the event of immediate issues;

iii. Isegwi/shadowing (skont il-każ) il-laqgħat ta' gruppi ta' ħidma u kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni u tal-kumitati tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta;

iii. Shadowing/following (as the case may be) Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibilty, which are attended by officers from Malta;

iv. Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma u l-iżviluppi fid-diversi istituzzjonijiet u Aġenziji tal-UE kif ukoll fi Stati Membri fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet/aġenziji oħra, biex titressaq il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

iv. Following up and reporting on the work and developments related to the relevant policy area in the various EU institutions and agencies and in other Member States, as well as engaging actively with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, European Parliament and other institutions/agencies, to put forward Malta's position as required;

v. Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi kkonċernati tal-Gvern f'Malta;

v. Coordinating the follow-up of any issues arising at the abovementioned meetings/reports/proposals as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

vi. Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-Coreper kif ukoll f'kull

vi. Participating in the Council and other EU-related ministerial meetings, Coreper meetings as well as any

laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni;

vii. Jikkompila u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat imsemmija f'(vi) immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett skont il-proċeduri stabbiliti;

viii. Jorganizza laqgħat b'mod regolari ma' kontropartijiet minn, jew rappreżentanti oħra, l-Istati Membri l-oħra, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u minn istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE oħra sabiex jissaħħu l-kuntatti ta' Malta u jiġu żviluppati kuntatti produttivi li jħallu l-frott, ma' Stati Membri oħra u mal-istituzzjonijiet u l-aġenziji l-oħra kollha tal-UE;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

Qasam Intern

i. Isegwi, kuljum, dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, partikolarment dawk li huma ta' ħassib partikolari għal Malta u jirrapporta dwar dawn;

ii. Isegwi u jżomm rekord tal-iskadenzi interni u barranin relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni u jżomm kuntatt mat-taqsimiet rilevanti fir-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi tal-Gvern xierqa f'Malta, sabiex jiġi assigurat li dawn l-iskadenzi jintlaħqu b'mod f'waqtu u b'mod effiċjenti;

iii. Iżomm rekord tal-iżviluppi relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, jiġbor u jiskrutinja dokumentazzjoni rilevanti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-UE u fora oħra tal-UE, kif ukoll rapporti tal-midja u jibgħat kwalunkwe dokumentazzjoni, informazzjoni u pariri meħtieġa lir-Rappreżentant Permanenti u uffiċjali oħra (fi Brussell jew ibbażati f'Malta) kif xieraq;

iv. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni ta' kull eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni;

v. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għal-laqgħat tal-Coreper II, Coreper I u PSC, kif ukoll kwalunkwe laqgħa oħra tar-Rappreżentant Permanenti;

vi. Jipprovdi kontribut lill-Ministeru konċernat għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għall-Kunsill u għal-laqgħat ministerjali oħra relatati mal-UE;

meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

vii. Compiling and sending timely reports of the meetings referred to in (vi) immediately after the completion of the meeting according to established procedures;

viii. Setting up and holding regular meetings with counterparts from, or representatives of, the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other EU institutions and agencies in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful and productive networks with other Member States and all the other EU institutions and agencies;

ix. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

i. Following, on a daily basis, items falling under this position's area/s of responsibility, particularly those which are of particular concern to Malta and reporting on these;

ii. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area/s of responsibility and liaising with the relevant units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

iii. Keeping track of developments related to this position's area/s of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora as well as media reports and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

iv. Providing input, as required, to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of any data collation exercise;

v. Providing input to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs, Coreper II, Coreper I and PSC meetings, as well as any other meetings of the Permanent Representative;

vi. Providing input to the Ministry concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related ministerial meetings;

vii. Tħejjija ta' briefing u background notes kif ukoll instruction notes u speaking notes relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni kif u meta jkun meħtieġ;

viii. Jiġi assigurat illi l-proċeduri rilevanti jiġu segwiti skont il-linji gwida stabbiliti/manwali speċifiċi tas-Servizz Pubbliku Malti u tar-Rappreżentanza Permanenti;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

x. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

5.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

i. ikunu ċittadini ta' Malta;

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija u fil-lingwa Ingliża; għarfien fil-lingwa Franċiża jkun meqjus bħala vantaġġ;

iii. ikollhom kwalifika ta' Master's rikonoxxuta f'Livell 7 tal-MQF (suġġett għall-minimu ta' 90 krettu ECTS jew ekwivalenti)* f'qasam li jwassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam li jkunu applikaw għalih, flimkien ma' sena (1) esperjenza ta' xogħol rilevanti;

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

JEW

iv. fil-pussess ta' kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxut fil-Livell 6 ta' MQF (suġġett għal minimu ta' 180 krettu ECTS jew ekwivalenti)* f'qasam li jwassalhom biex jaqdu dmirijiethom b'mod effettiv fil-qasam li jkunu applikaw għalih, flimkien ma' tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol rilevanti.

*Kwalifika ta' Baċellerat komparabbli rikonoxxuta, kif applikabbli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet talklawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Baċellerat rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija

vii. Drawing up briefing and background notes as well as instruction notes and speaking notes related to this position's area of responsibility as and when required;

viii. Ensuring relevant procedures are followed as per standard/specific manual/s guidelines of the Maltese Public Service and the Permanent Representation;

ix. Any other task assigned by the Permanent Representative;

x. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

5.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. citizens of Malta;

ii. proficient in the Maltese and English languages; knowledge of French is considered an asset;

iii. in possession of a recognised Master's qualification at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS credits, or equivalent)* in areas that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area plus one (1) year relevant work experience;

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

OR

iv. in possession of a recognised Bachelor's qualification at MQF Level 6 (subject to a minimum of 180 ECTS credits, or equivalent)* in areas that would enable them to effectively discharge their duties in the selected area, plus three (3) years relevant work experience.

*A recognised comparable Bachelor's qualification, as applicable, is only accepted subject to an MQRIC formal recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Bachelor's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less

qabel l-2009) b'inqas minn 180 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli mal-minimu ta' 180 krettu ECTS.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le.

5.2 (i) Fid-dawl tan-natura speċifika ta' din il-pożizzjoni, il-kandidati huma mistennija li jkunu kisbu l-kwalifika tagħhom jew ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

5.3 Applikazzjonijiet minn persuna li tkun diġà qed tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell tkun biss ikkunsidrata jekk hija tkun serviet sad-data tal-għeluq ta' din it-talba għall-applikazzjonijiet minn tal-inqas sentejn (2) fil-pożizzjoni kurrenti ta' Technical Attaché.

5.4 L-applikanti li għandhom il-pożizzjoni ta' Research Analyst fi Skala ta' Salarju 9 iridu jkunu servew għal perjodu minimu sodisfaċenti ta' sena (1) f'tali pożizzjoni ta' livell junior fil-PREU.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

6.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

6.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

7.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-pożizzjoni.

than 180 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University of Malta that the workload is comparable to the minimum of 180 ECTS credits.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not.

5.2 (i) In view of the specific nature of this position, candidates are expected to have obtained their qualification or be approved for the award of the qualification by the closing time and date of the call for applications.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

5.3 Applications from a serving Technical Attaché at the Permanent Representation of Malta to the European Union in Brussels will only be considered if he/she has served by the closing date of this call for applications a minimum of two (2) years in the current Technical Attaché position.

5.4 Applicants holding the position of Research Analyst in Salary Scale 9 must have served for a satisfactory minimum period of one (1) year in such junior level position at the PREU.

Submission of Supporting Documents

6.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

6.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

7.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the position. The

Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 200 u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 100.

7.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 5.1 sa 5.2, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

8.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija 1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 14 ta' Settembru, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

8.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

8.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

8.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

9. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20

maximum mark for this selection process is 200 and the pass mark is 100.

7.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 5.1 to 5.2, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

8.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Monday, 14th September, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

8.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

8.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

8.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

9. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://publicservices.gov.mt/en/people/Documents/Recruitment_GenProvs/General%20

Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Dipartiment tar-Riżorsi Umani, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, 331, Allied House, Triq San Pawl, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku, in-numru ta' kuntatt u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment huma (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030, (recruitment.foreign@gov.mt).

It-28 ta' Awwissu, 2026

MINISTERU GĦALL-AFFARIJIET BARRANIN U EWROPEJ

Pożizzjoni ta' Technical Attaché (Kwistjonijiet Fitosanitarji u Veterinarji) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej, jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché (Kwistjonijiet Fitosanitarji u Veterinarji) fil-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u Ewropej.

Tul tal-Assenjament u Kundizzjonijiet

2.1 Persuna magħżula tidħol f'assenjament ta' tliet (3) snin bħala Technical Attaché fir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea fi Brussell (il-Belġju).

2.2 Il-pożizzjoni ta' Technical Attaché hija suġġetta għal perjodu ta' probation/prova ta' sena (1).

2.3 Peress li din hi pożizzjoni ta' Technical Attaché li hi waħda ta' fiduċja, din tikkostitwixxi raġuni oġġettiva li taqa' taħt Regolament 7(4) (b) (ii) tal-Liġi Sussidjarja 452.81 intitolat 'Regolamenti dwar Kuntratti ta' Servizz għal Żmien Fiss'.

2.4 Il-kandidati magħżula għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-pożizzjoni li għaliha saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, li għandu jiġi sottomess mill-persuna magħżula fi żmien ġimgħa (1) mid-data tan-notifika tal-ħatra.

2.5 Nuqqas ta' sehem sodisfaċenti mogħti mit-Technical Attaché matul kull waqt tal-ingaġġ iwassal għat-terminazzjoni ta' dan il-ftehim.

Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Human Resources Department, Ministry for Foreign and European Affairs, 331, Allied House, Triq San Pawl, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call fo applications.

The website address, contact number and email address of the receiving Department are (www.foreign.gov.mt), (+356) 2204 3030 and (recruitment.foreign@gov.mt).

28th August, 2026

MINISTRY FOR FOREIGN AND EUROPEAN AFFAIRS

Position of Technical Attaché (Phytosanitary and Veterinary Matters) in the Ministry for Foreign and European Affairs

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director for Corporate Services, Ministry for Foreign and European Affairs invites applications for the position of Technical Attaché (Phytosanitary and Veterinary Matters) in the Ministry for Foreign and European Affairs.

Duration of Assignment and Conditions

2.1 A selected candidate will enter into a three (3) year assignment as a Technical Attaché in the Permanent Representation of Malta to the EU in Brussels (Belgium).

2.2 The position of Technical Attaché is subject to a probationary/trial period of one (1) year.

2.3 Since this is a position of trust, the position of Technical Attaché constitutes an objective reason which falls under Regulation 7(4) (b) (ii) of Subsidiary Legislation 452.81 entitled 'Contracts of Service for a Fixed Term Regulations'.

2.4 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.5 Unsatisfactory performance as Technical Attaché during any time of this assignment period will lead to termination of the Agreement.

2.6 Il-kandidat magħżul ikun marbut bit-termini u l-kundizzjonijiet stipulati fil-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.7 a. L-ingaġġ bħala Technical Attaché huwa fuq bażi full-time u l-kandidat magħżul ser ikun stazzjonat fi Brussell (il-Belġju).

b. Il-persuna magħżula hija mistennija li tkun imxiet lejn Brussell fi żmien xahar (1) minn meta tkun infurmata li tkun għaddiet b'suċċess mill-proċess tal-applikazzjoni.

2.8 Impjegati li jkunu jaħdmu mas-Settur Pubbliku u jkunu magħżula għall-pożizzjoni ta' Technical Attaché jridu jagħmlu l-arranġamenti tagħhom mal-entità li timpjegahom biex jiġu rilaxxati fil-perjodu li huma jkunu se jservu bħala Technical Attaché. Dan l-arranġament irid isir qabel jiġi ffirmat il-Ftehim ta' Technical Attaché.

2.9 Fil-każ li l-persuna magħżula tkun ġejja minn entità fis-Settur Pubbliku u li tkun rilaxxata mill-entità konċernata biex tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché, il-persuna magħżula terga' tibda taħdem ma' dik l-entità fil-mument li hija ma tibqax tokkupa l-pożizzjoni ta' Technical Attaché.

2.10 Fir-rigward tar-rekwiżiti li joħorġu mid-Direttiva 16, dwar il-'Qafas Governattiv għall-Prevenzjoni u l-Ġestjoni ta' Kunflitti ta' Interess fl-Amministrazzjoni Pubblika', maħruġ mis-Segretarju Permanenti Ewlieni fis-27 ta' Novembru, 2023, u li daħal fi-seħħ fl-1 ta' Frar, 2024, il-bord tal-għażla se jivvaluta l-impjiegi preċedenti tal-kandidati biex jevalwa l-kunflitti ta' interess potenzjali. F'dan ir-rigward, il-kandidati għandhom jipprovdu CV kompletament aġġornat, inkluż il-kwalifiki u l-istorja tal-impjieg mal-applikazzjoni tagħhom. Kwalunkwe kwistjoni ta' kunflitt ta' interess potenzjali nnutata għandha tiġi rrappurtata lis-Segretarju Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

b. Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

Salarju Marbut mal-Pożizzjoni

3.1 Is-salarju ta' Malta u l-Allowances ta' Post Aġġustament marbut mal-pożizzjoni ta' Technical Attaché huwa ekwivalenti għal increment inqas mill-massimu ta' Skala ta' Salarju 7 (ekwivalenti għal €34,813.85 fl-2026), li jilħaq il-massimu tal-iskala mal-konferma tal-ħatra jew tlestija ta' sena (1) servizz fil-pożizzjoni, liema waħda tiġi

2.6 The selected candidate will be bound by the terms and conditions stipulated in the Agreement of Technical Attaché.

2.7 a. The engagement as Technical Attaché is on a full-time basis and the selected candidate will be stationed in Brussels (Belgium).

b. The selected candidate must be able to move to Brussels within one (1) month of being informed that she/he has been successful in the application process.

2.8 Public Sector employees selected for the position of Technical Attaché must make their own arrangements with their employing entity with regards to their release for the period during which they are to serve as Technical Attaché before signing their Agreement as Technical Attaché.

2.9 In the case of a selected candidate emanating from a Public Sector entity and who is granted release by the entity in order to take up the position of Technical Attaché, the selected candidate will resume his/her employment with such entity once he/she no longer holds the position of Technical Attaché.

2.10 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

b. Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

Salary Pegged to the Position

3.1 The Malta Salary and the Post Adjustment Allowances attached to the position of a Technical Attaché is equivalent to the maximum step of Salary Scale 7 less an increment (equivalent to €34,813.85 in 2026), with attainment of maximum of scale on confirmation of appointment after the probationary period of one (1) year or completion of

l-aħħar. Barra minn hekk, it-Technical Attaché ser jirċievi l-benefiċċji u l-allowances kif spjegati fil-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas'.

3.2 F'każijiet fejn il-persuna magħżula tkun diġà qed isservi fil-pożizzjoni ta' Technical Attaché b'salarju, benefiċċji u allowances li huma ogħla minn dawk stabbiliti f'paragrafu 3.1 hawn fuq, il-kumpens applikabbli f' dawn il-każijiet eċċezzjonali ta' ħatra mill-ġdid għandu jkun tal-ogħla skala ta' salarju, benefiċċji u allowances.

3.3 Għat-tul tal-Ftehim, it-Technical Attaché jkun marbut mal-'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER Jannar 2024 V1.2) li jistgħu jigu aġġornati minn żmien għal żmien.

Dmirijiet

4. Id-dmirijiet għal din il-pożizzjoni ta' Technical Attaché huma:

It-Technical Attaché hu l-espert tekniku fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (PREU) fuq il-politiki tal-Unjoni Ewropea (UE) relatati mas-saħħa tal-pjanti, is-saħħa u l-benesseri tal-annimali, l-għalf u l-ikel fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea (PREU). Dan jinkludi kwistjonijiet relatati mar-regolamentazzjoni u l-governanza ta' kwistjonijiet fitosanitarji u veterinarji, li jiżguraw il-moviment sikur tal-annimali, tal-pjanti u tal-prodotti tal-ikel bejn il-fruntieri tal-UE. It-Technical Attaché jirrapporta direttament lid-Deputat Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea. It-Technical Attaché hu responsabbli li jipprovdi pariri lir-Rappreżentant Permanenti, lid-Deputat Rappreżentant Permanenti ta' Malta għall-Unjoni Ewropea, u lill-entitajiet oħra governattivi u li jikkordina kull ħidma u jsegwi kwalunkwe kwistjoni teknika relatata primarjament mal-aspetti vasti tal-politiki tal-Unjoni Ewropea dwar il-kwistjonijiet fitosanitarji u veterinarji u ma' kwalunkwe qasam ieħor li jingħata responsabbiltà għalihom fi ħdan ir-Rappreżentanza Permanenti.

It-Technical Attaché huwa responsabbli ukoll li jżomm aġġornat lir-Rappreżentant Permanenti u lid-Deputat Rappreżentant Permanenti fi kwalunkwe kwistjoni rilevanti fl-oqsma li tagħhom huwa responsabbli. Il-kandidat irid ikollu l-isfond meħtieġ biex jifhem il-kumplessitajiet u jagħti rispons lura dwar kwistjonijiet diversi marbuta mal-acquis relatat mal-qasam li għalih huwa responsabbli, kif ukoll biex iressaq il-pożizzjoni ta' Malta bil-għan li din titqies b'mod adegwat mill-istituzzjonijiet, il-korpi u l-aġenziji tal-UE fil-kontribuzzjonijiet rilevanti tagħhom, inkluż fil-proposti leġiżlattivi.

Din id-Deskrizzjoni tal-Pożizzjoni hija indikattiva tal-kompiti u r-responsabbiltajiet.

one (1) year service, whichever is the later. In addition, the Technical Attaché will be granted the financial allowances and benefits provided for in the Conditions of Service for Officers Serving Overseas.

3.2 In cases where the selected candidate is already currently serving in the position of Technical Attaché at a salary scale, benefits and allowances that are higher than those established at section 3.1 above, the applicable compensation upon re-appointment in such exceptional cases shall be the higher applicable salary scale, benefits and allowances.

3.3 For the duration of the Agreement, the Technical Attaché shall abide by the 'Conditions of Service for Officers Serving Overseas' (MFA 9/2015; CONDSER January 2024 V1.2) and which may be updated from time to time.

Duties

4. The job duties for the position of Technical Attaché include:

The Technical Attaché is the technical expert on European Union (EU) policies related to plant health, animal health and welfare, the feed and food within the Permanent Representation of Malta to the European Union (PREU). This includes matters relating to the regulation and governance of phytosanitary and veterinary issues, ensuring the safe movement of animals, plants, and food products across EU borders. The Technical Attaché reports directly to the Deputy Permanent Representative of Malta to the European Union. The Technical Attaché is responsible for providing advice to the Permanent Representative, to the Deputy Permanent Representative, and to other relevant entities within the Government, as well as coordinating any tasks and following any issues relating to the wider aspects of EU phytosanitary and veterinary policy and any other area of responsibility assigned to him within the Permanent Representation.

The Technical Attaché is also responsible for keeping the Permanent Representative and the Deputy Permanent Representative informed of any relevant issues in the area of responsibility. The candidate must have the necessary background in order to understand the complexities and provide feedback on the different issues stemming from the EU acquis related to the area of responsibility, as well as to put forward Malta's position with a view to having it adequately taken into account by EU institutions, bodies and agencies in their relevant contributions, including in legislative proposals..

This Position Description is indicative of the tasks and responsibilities.

Qasam Estern

i. Jirrappreżenta lil Malta fil-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill kif mitlub, fil-laqgħat tal-gruppi ta' ħidma tal-Kummissjoni u fil-kumitati tal-Komitoloġija kif mitlub, kif ukoll f'fora oħra tal-UE kif meħtieġ; li jressaq il-pożizzjoni ta' Malta f'dawn il-laqgħat u li jipparteċipa f'diskussjonijiet hekk kif ikun iddettaljat fin-noti ta' istruzzjoni li għalihom it-Technical Attaché jrid ikun jista' jikkontribwixxi wkoll;

ii. Jikteb u jibgħat ir-rapporti ta' dawn il-laqgħat immedjatament wara li jintemmu l-laqgħat u dan f'konformità mal-lista ta' distribuzzjoni approvata, kif ukoll li jiġbed l-attenzjoni, bit-telefown jew messaġġ, dwar kwistjonijiet ta' importanza immedjata, lill-Ministeru kkonċernat, lid-Dipartiment ta' Kordinazzjoni tal-UE u lill-Kabinett tar-Rappreżentant Permanenti u tad-Deputat tar-Rappreżentant Permanenti;

iii. Isegwi/shadowing/jagħti appoġġ (skont il-każ) il-laqgħat ta' gruppi ta' ħidma u kumitati tal-Kunsill kif dettaljat, kif ukoll laqgħat tal-Gruppi ta' Ħidma tal-Kummissjoni u tal-kumitati tal-Komitoloġija li huma rilevanti għall-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, u li għalihom jattendu uffiċjali minn Malta;

iv. Isegwi, u jirrapporta lura, dwar il-ħidma u l-iżviluppi fid-diversi istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE kif ukoll fi Stati Membri fil-qasam li tiegħu jkun responsabbli u jinvolvi ruħu b'mod attiv ma' rappreżentanti ta' Stati Membri oħra, is-Segretarjat tal-Kunsill, kif ukoll il-Kummissjoni, il-Parlament Ewropew u istituzzjonijiet, korpi u aġenziji, biex titressaq il-pożizzjoni ta' Malta, kif meħtieġ;

v. Jikkordina s-segwitu ta' kull kwistjoni li tista' tinqala' fil-laqgħat hawn fuq imsemmija/rapporti/jew proposti kif meħtieġ, kemm mat-taqsimiet l-oħra tar-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi kkonċernati tal-Gvern f'Malta;

vi. Jipparteċipa fil-Kunsill u f'laqgħat oħra ministerjali relatati mal-UE, fil-laqgħat tal-Coreper kif ukoll f'kull laqgħa li ssir fil-marġini kif meħtieġ u dan għal dawk il-kwistjonijiet/suġġetti relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni;

vii. Jikkompila u jibgħat rapporti f'waqthom ta' laqgħat imsemmija f'(vi) immedjatament wara li tintemm id-diskussjoni fuq tali suġġett skont il-proċeduri stabbiliti;

viii. Jieħu l-inizjattiva biex jiġu organizzati laqgħat b'mod regolari ma' kontropartijiet jew ma' rappreżentanti oħra mill-Istati Membri l-oħra, mill-Kunsill, mill-Kummissjoni, mill-Parlament Ewropew u minn istituzzjonijiet, korpi u aġenziji tal-UE oħra sabiex jissaħħu l-kuntatti ta' Malta u

External

i. Representing Malta in meetings of the Council preparatory bodies as detailed, Commission Working Group and Comitology Committee meetings as detailed as well as in other EU fora as required; putting forward Malta's position in such meetings and participating in discussions in accordance with the instruction notes to which the Technical Attaché must also be able to contribute;

ii. Compiling and sending reports of such meetings immediately after the completion of the meeting in line with the approved distribution list as well as alerting, by telephone/message, the Ministry concerned, the EU Coordination Department and the Cabinet of the Permanent Representative and the Deputy Permanent Representative in the event of immediate issues;

iii. Following/shadowing/supporting (as the case may be) Council Working Party and Committee meetings as detailed, as well as Commission Working Group and Comitology Committee meetings that are relevant to this position's area of responsibility, which are attended by officers from Malta;

iv. Following up and reporting on the work and developments related to the relevant policy area in the various EU institutions, bodies and agencies and in other Member States, as well as engaging actively with representatives of other Member States, the Council Secretariat as well as the Commission, European Parliament and other EU institutions, bodies and agencies to put forward Malta's position as required;

v. Coordinating the follow-up of any issues arising at the abovementioned meetings/reports/proposals as required, both with the other units of the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta;

vi. Participating in the Council and other EU-related ministerial meetings, Coreper meetings as well as any meetings held in the margins as required for those items related to this position's area of responsibility;

vii. Compiling and sending timely reports of the meetings referred to in (vi) immediately after the completion of the meeting according to established procedures;

viii. Taking the initiative to set up and hold regular meetings with counterparts from, or representatives of the other Member States, the Council, Commission, European Parliament and other EU institutions, bodies and agencies in order to strengthen Malta's contacts and develop fruitful

jiġu żviluppati kuntatti produttivi li jħallu l-frott, ma' Stati Membri oħra u mal-istituzzjonijiet, l-korpi u l-aġenziji l-oħra kollha tal-UE bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-pożizzjoni ta' Malta tkun mifhuma, apprezzata u meqjusa;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti.

Qasam Intern

i. Isegwi, kuljum, dawk l-oqsma li jaqgħu taħt il-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, partikolarment dawk li huma ta' ħassib partikolari għal Malta u jirrapporta dwar dawn;

ii. Isegwi u jżomm rekord tal-iskadenzi interni u barranin relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni u jżomm kuntatt mat-taqsimiet rilevanti fir-Rappreżentanza Permanenti kif ukoll mal-istrutturi tal-Gvern xierqa f'Malta, sabiex jiġi assigurat li dawn l-iskadenzi jintlaħqu b'mod f'waqtu u b'mod effiċjenti;

iii. Iżomm rekord tal-iżviluppi relatati mal-qasam/oqsma ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni, jiġbor u jiskrutinja dokumentazzjoni rilevanti maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-UE u fora oħra tal-UE, kif ukoll rapporti tal-midja u jibgħat kwalunkwe dokumentazzjoni, informazzjoni u pariri meħtieġa lir-Rappreżentant Permanenti, id-Deputat Rappreżentant Permanenti u uffiċjali oħra (fi Brussell jew ibbażati f'Malta) kif xieraq;

iv. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni ta' kull eżerċizzju ta' ġbir ta' informazzjoni;

v. Jipprovdi kontribuzzjoni, kif meħtieġ, lix-Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għal-laqgħat tal-Coreper II, Coreper I u PSC, kif ukoll kwalunkwe laqgħa oħra tar-Rappreżentant Permanenti u d-Deputat Rappreżentant Permanenti;

vi. Jipprovdi kontribut lill-Ministeru konċernat għall-kumpilazzjoni tad-dossiers u notamenti meħtieġa għall-Kunsill u għal-laqgħat ministerjali oħra relatati mal-UE;

vii. Tħejjija ta' briefing u background notes kif ukoll instruction notes u speaking notes relatati mal-qasam ta' responsabbiltà ta' din il-pożizzjoni kif u meta jkun meħtieġ;

viii. Jiġi assigurat illi l-proċeduri rilevanti jiġu segwiti skont il-linji gwida stabbiliti/manwali speċifiċi tas-Servizz Pubbliku Malti u tar-Rappreżentanza Permanenti;

ix. Kull kompitu ieħor assenjat mir-Rappreżentant Permanenti;

and productive networks with other Member States and all the other EU institutions, bodies and agencies with a view to ensuring that Malta's position is understood, appreciated and taken on board;

ix. Any other task assigned by the Permanent Representative.

Internal

i. Following, on a daily basis, items falling under this position's area/s of responsibility, particularly those which are of particular concern to Malta and reporting on these;

ii. Following up and keeping track of internal and external deadlines related to this position's area/s of responsibility and liaising with the relevant units within the Permanent Representation as well as with the appropriate Government structures in Malta, in order to ensure that these deadlines are met in a timely and efficient manner;

iii. Keeping track of developments related to this position's area/s of responsibility, collating and scrutinising relevant documentation issued by the EU institutions and other EU fora as well as media reports and forwarding any necessary documentation, information and advice to the Permanent Representative, the Deputy Permanent Representative and other officers (Brussels or Malta-based) as appropriate;

iv. Providing input, as required, to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of any data collation exercise;

v. Providing input to the Chef de Cabinet/Antici/Mertens/Nicolaidis for the compilation of the necessary dossiers and briefs, Coreper II, Coreper I and PSC meetings, as well as any other meetings of the Permanent Representative and of the Deputy Permanent Representative;

vi. Providing input to the Ministry concerned for the compilation of the necessary dossiers and briefs for Council and other EU-related ministerial meetings;

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Senior Manager is Salary Scale 5, which in year 2026 is €35,837.98 per annum, rising by annual increments of €640.67 up to a maximum of €39,682.00.

2.4 Appointees will also be entitled to the payment of an annual performance bonus of up to a maximum of 15% of their basic salary, subject to satisfactory performance and a payment of an annual class allowance of €3,000, subject to Central Administration's policies in force from time to time.

2.5 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere, in accordance with established vacancies.

2.6 The result will be valid for a period of two (2) years from date of publication.

2.7 Selected candidates must be of conduct which is appropriate to the post/position applied for. Prior to appointment, selected candidates from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than six (6) months from the closing date of this call for applications, which should be submitted by the selected candidate within one (1) week from the date of the notification of appointment.

2.8 In terms of the requirements emanating from Directive 16, regarding the 'Governing Framework for Preventing and Managing Conflicts of Interest in the Public Administration', issued by the Principal Permanent Secretary on 27th November, 2023, and which came into force on 1st February, 2024, the selection board will assess candidates' previous employments to assess potential conflicts of interest. In this respect, candidates are to provide a completely updated CV, including qualifications and employment history with their application. Any potential conflict of interest matters noted will be reported to the respective Permanent Secretary, to

Permanenti rispettiv biex jiġi żgurat li, jekk il-kandidat jiġi reklutat, tali kunflitti ta' interess ikunu mmaniġġjati b'mod xieraq.

Barra minn hekk, il-kandidati magħżula għandhom jirrappurtaw kwalunkwe kunflitt ta' interess magħruf, attwali, potenzjali jew apparenti qabel ma jaċċettaw ħatra, permezz tad-dikjarazzjoni preskritta disponibbli fl-Appendiċi 1 tad-Direttiva 16 (disponibbli minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Senior Manager huma:

i. Jiżgura l-kordinazzjoni effettiva u f'waqtha tal-proċessi u l-proċeduri kollha relatati mal-UE għad-dossiers taħt il-portafoll tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru;

ii. Imexxi l-identifikazzjoni ta' oqsma ta' politika tal-UE ta' importanza strateġika ewlenija fejn Malta tixtieq tieħu rwol proattiv fit-tmexxija u l-implimentazzjoni ta' dawn il-politiki permezz tal-istituzzjonijiet tal-UE;

iii. Jissorvelja u jivvalida dokumentazzjoni ta' politika, inklużi noti ta' struzzjoni, briefs u punti ta' taħdit għal-laqgħat tal-Kunsill, Coreper u kumitati, filwaqt li jiżgura allinjament bejn il-Ministeri, il-PRM u d-Dipartiment tal-Kordinazzjoni tal-UE;

iv. Jikkontribwixxi għall-formulazzjoni tal-politika u jwieġeb għat-talbiet għal deċiżjonijiet ta' politika jew informazzjoni meħtieġa mill-istituzzjonijiet tal-UE b'mod li jiżgura azzjoni f'waqtha u kkordinata;

v. Imexxi l-kordinazzjoni u l-iżvilupp ta' għażliet ta' politika domestika allinjati mar-rekwiżiti tal-UE u jissorvelja l-proċessi ta' traspożizzjoni biex jiżgura preċiżjoni u konformità legali;

vi. Jistabbilixxi sistemi ta' monitoraġġ biex jimmonitorja l-progress tal-attivitajiet relatati mal-UE u jindirizza b'mod proattiv kwalunkwe ostaklu fl-implimentazzjoni;

vii. Imexxi l-kordinazzjoni interministerjali u mal-partijiet interessati biex jipproduċi dokumenti ta' pożizzjoni tal-Ministeru komprensivi u bbażati fuq analiżi tal-impatt li jirriflettu l-perspettiva tal-Gvern kollu;

viii. Jiżgura konformità sħiħa mal-obbligi u l-impenji tal-UE, u jimplimenta mekkaniżmi ta' monitoraġġ biex jiggarantixxi l-osservanza tal-iskadenzi;

ix. Jiddireġġi l-ġestjoni, il-klassifikazzjoni u t-tixrid sigur tal-informazzjoni relatata mal-UE skont il-protokolli tas-sigurtà u l-istandards tal-Ministeru;

ensure that should the candidate be recruited, such conflicts of interest would be appropriately managed.

Moreover, selected candidates are to report any known actual, potential or apparent conflicts of interest prior to accepting an appointment, through the prescribed declaration available at Appendix 1 to Directive 16 (available from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/DocsDirectives/Directives/Directive-16.pdf)).

Duties

3. The job duties for the post of Senior Manager include:

i. Ensures the effective and timely coordination of all EU-related processes and procedures for dossiers under the Office of the Prime Minister;

ii. Leads the identification of key EU policy areas of strategic importance where Malta may wish to take a proactive role in piloting such policies through the EU institutions;

iii. Oversees and validates policy documentation including instruction notes, briefing papers, and speaking points for Council, Coreper and committee meetings while ensuring cross-alignment between Ministries, PRM and EU Coordination Department;

iv. Contributes to policy formulation and responds to requests for policy decisions or information required by the EU institutions in a timely and co-ordinated action;

v. Leads the coordination and development of domestic policy options aligned with EU obligations and oversees transposition processes to ensure accuracy and legal conformity;

vi. Establishes monitoring systems to track progress on EU-related activities and proactively resolves barriers to implementation;

vii. Leads interministerial and stakeholder coordination to produce comprehensive, impact-assessed Ministry position papers reflecting whole-of-government perspectives;

viii. Ensures full compliance with EU obligations and commitments, implementing monitoring mechanisms to guarantee adherence to deadlines;

ix. Directs the management, classification and secure dissemination of EU-related information in line with established security protocols and Ministry standards;

x. Jikkordina u jissorvelja l-attivitajiet tal-proġetti kollha ffinanzjati mill-UE li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Ministeru, u jikkordina mal-awtorità tat-tmexxija biex jiżgura li l-progress meħtieġ u r-rapporti finanzjarji jitħejjew fil-ħin mill-mexxejja tal-proġett;

xi. Jissorvelja l-organizzazzjoni tal-laqgħat mal-mexxejja tal-proġetti u t-tħejjija tal-minuti u jimmonitorja l-azzjoni ta' segwitu filwaqt li jiżgura li r-riżultati tal-proġett jitlestew fil-ħin;

xii. Jivverifika l-eliġibbiltà tat-talbiet kollha għall-ħlas u jissorvelja l-ħruġ ta' fondi fir-rigward ta' proġetti kofinanzjati mill-UE li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Ministeru;

xiii. Jipparteċipa f'taħriġ u jirrappreżenta lill-Ministeru u lid-Direttorat f'laqgħat lokalment u barra minn Malta kif meħtieġ u kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista jkun meħtieġ;

xiv. Iżomm ruħu aġġornat mal-proċeduri u r-regolamenti tas-servizz pubbliku u jkun kapaċi jiggwida lid-dipartimenti u l-entitajiet kif xieraq;

xv. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti u mis Segretarju Permanenti Ewlieni.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż b'leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta'

x. Co-ordinates and oversees activities of all EU funded projects falling within the responsibility of the Ministry, and co-ordinates with the managing authority to ensure that the necessary progress and financial reports are prepared on time by the project leaders;

xi. Oversees organisation of meetings with the project leaders and preparation of minutes and monitor the follow up action while ensuring that project deliverables are completed on time;

xii. Verifies the eligibility of all payment claims and monitors the disbursement of funds with regard to EU co-financed projects falling within the remit of the Ministry;

xiii. Participates in training and represents the Ministry and the Directorate in meetings locally and abroad as required and undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her as may be required;

xiv. Keeps up to date with public service procedures and regulations and provide guidance to departments and entities accordingly;

xv. Any other duties as directed by the Permanent Secretary and the Principal Permanent Secretary.

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals)

Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil -pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

Barra minn hekk, l-applikanti għandhom ikunu:

ii. ikunu profiċjenti fil-lingwa Maltija kif ukoll fil-lingwa Ingliża;

U

iii. ikollhom Master's degree rikonoxxuta fil-Livell 7 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 90 krettu ECTS jew ekwivalenti*) fl-Istudji Ewropej jew Politika Soċjali jew l-Amministrazzjoni Pubblika jew l-Amministrazzjoni tan-Negozju jew il-Ġestjoni tal-Proġetti jew il-Liġi jew l-Ekonomija jew il-Psikoloġija jew ir-Relazzjonijiet Internazzjonali jew l-Affarijiet Internazzjonali jew il-Kreattività u l-Innovazzjoni jew f'oqsma rilevanti kif determinat mill-maniġment.

*Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta b'minimu ta' 60 krettu ECTS hija aċċettata biss bil-kundizzjoni li dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent tal-Master's mill-MQRIC tiġi sottomessa mal-applikazzjoni (suġġett għad-dispożizzjonijiet tal-klawsola 5.4 tad-dokument tad-Dispożizzjonijiet Ġenerali). Kwalifika ta' Master's rikonoxxuta mill-Università ta' Malta (mogħtija qabel l-2009) b'inqas minn 60 krettu ECTS hija aċċettabbli sakemm jiġi vverifikat mill-MQRIC jew l-Università ta' Malta li l-ammont ta' xogħol huwa komparabbli ma' mill-inqas 60 krettu ECTS.

U

Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

In addition applicants must be:

ii. must be proficient in the Maltese and English languages;

AND

iii. in possession of a recognized Master's degree at MQF Level 7 (subject to a minimum of 90 ECTS credits, or equivalent*) in European Studies or Public Policy or Social Policy or Public Administration or Business Administration or Project Management or Law or Economics or Psychology or International Relations or International Affairs or Creativity and Innovation or in relevant areas as determined by management.

*A recognised Master's qualification with a minimum of 60 ECTS credits is only accepted subject to an MQRIC formal Master's recognition statement being submitted with the application (subject to the provisions of clause 5.4 of the General Provisions document). A recognised Master's qualification from the University of Malta (awarded pre-2009) with less than 60 ECTS credits is acceptable provided that it is verified by MQRIC or the University o Malta that the workload is comparable to at least 60 ECTS credits.

AND

iv. B'ħames (5) snin servizz maniġerjali rilevanti bħala Manager II, liema grad l-impjegat li għandu jkun ikkonfermat. Kwalunkwe esperjenza oħra relatata fil-qasam meħtieġa għall-grad imsemmi hawn fuq, fi, jew komparabbli ma', Skala ta' Salarju 7 fis-Servizz Pubbliku, li l-applikant jista' jkollu jista' jkun meqjusa mill-amministrazzjoni, liema esperjenza għandha tkun sostnuta kif xieraq b'evidenza rilevanti.

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika f i żmien sena mid-data tal-ħatra tagħhom. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

iv. With five (5) years relevant management service as Manager II, in which grade the employee must be confirmed. Any other related experience in the area required for the afore-mentioned grade, in, or comparable to, Salary Scale 7 level in the Public Service, which the applicant may possess may be considered by the administration, which experience must be duly sustained with relevant evidence.

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification within one year of their appointment date. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

Submission of Supporting Documentation

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.3 hawn fuq, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur għas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għall-Fondi Ewropej, id-Djalogu Soċjali u l-Protezzjoni tal-Konsumatur, permezz tal-Portal tar-Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae kompletament aġġornat (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant u l-istorja tal-impjieg). Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija s-1.30 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn 14 ta' Settembru, 2026. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data u l-ħin tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.3, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director Corporate Services, Ministry for European Funds, Social Dialogue and Consumer Protection, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae, completely up-to-date (which should include a list of qualifications held by applicant and the employment history). The closing date of the receipt of applications is 1.30 p.m. (Central European Time) of Monday, 14th September, 2026. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date and time of this call for applications, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;

eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi, 46, Livell 3, Triq San Kristofru, Il-Belt Valletta. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Direttorat huma (https://eufunds.gov.mt) u (recruitment.mfdc@gov.mt).

It-28 ta' Awwissu, 2026

KUNSILL MALTI GĦALL-ARTI

Sejħa għal Servizz ta' Amministratur tal-Appoġġ (Finanzjament) fi ħdan il-Kunsill Malti għall-Arti

Deskrizzjoni tas-Servizz

Il-Kunsill Malti għall-Arti qiegħed ifittex biex jingaġġa s-servizzi ta' individwu bħala Amministratur tal-Appoġġ sabiex jaħdem fil-qrib mat-Tim ta' Finanzjament tal-Kunsill. L-Amministratur tal-Appoġġ se jassisti lid-Direttur (Finanzjament) u l-Kap (Finanzjament) fl-amministrazzjoni tal-portafoll ta' finanzjament tal-KMA.

Dmirijiet u Responsabbiltajiet Ewlenin

Jassisti lit-tim ta' finanzjament permezz ta' kompiti amministrattivi, li jinkludu li jirċievi u jirrikonoxxi emails;

Jiskennja u jissejvja d-dokumenti fid-drive;

Jaġġorna l-files u d-drive regolarment bid-dokumentazzjoni neċessarja;

Imantni l-files u d-drive b'mod organizzat u jaċċerta li jkunu disponibbli meta mitluba;

Jassisti l-Kap tal-Finanzjament fil-proċess tan-notifkazzjoni tar-riżultati, fil-preparazzjoni ta' ittri ta' notifika, fil-preparazzjoni ta' formoli ta' rispons, u l-preparazzjoni ta' talbiet għal akkwist;

Regolarment jaġġorna d-dokumentazzjoni u s-sistema tal-monitoraġġ bl-aġġornamenti neċessarji;

Jevalwa rapporti finali u jiżgura konformità mal-linji gwida u regolamenti;

medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://peopleandstandards.gov.mt/media/PDFs/Resourcing/GenProvs/GeneralProvisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate, 46, Level 3, Triq San Kristofru, Valletta. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Directorate are (https://eufunds.gov.mt) and (recruitment.mfdc@gov.mt)

28th August, 2026

ARTS COUNCIL MALTA

Call for Service Support Administrator (Funding) at Arts Council Malta

Service Description

Arts Council Malta is seeking to engage the services of an individual as Support Administrator to work closely with the Council's Funding Team. The Support Administrator will assist the Director (Funding) and Head (Funding) in the administration of ACM's Funding portfolio.

Main Duties and Responsibilities

To assist Funding team through administrative tasks, which include receiving and acknowledging emails;

To scan and save and file documents in the drive;

To regularly update files and drive with all necessary documentation;

To maintain files and drive in an organized manner and available when requested;

To assist the Head of Funding in the result notification process, in the preparation of notification letters, the preparation of feedback forms and the preparation of requests for procurement;

To regularly update the monitoring sheet and the system with the necessary updates;

To screen final reports and ensure compliance with the guidelines and regulations;

Ikun vuċi għall-entità u jiżgura li relazzjonijiet tajba jiġu miżmuma mal-partijiet u l-kollaboraturi kollha;

Jiżgura li t-telefonati u l-emails kollha jiġu mwieġba f'waqthom u jiġu rreġistrati kif xieraq;

Jiżgura li l-klijenti, fornituri, u partijiet interessati li jikkuntattjaw lill-Kunsill Malti għall-Arti rigward materja relatata mal-finanzjament jiġu trattati b'mod professjonali u effiċjenti;

Jikkordina ma' dipartimenti oħra skont il-bżonn;

Jiżgura l-kunfidenzjalità, l-aċċessibbiltà, u s-sigurtà tad-dokumentazzjoni kollha;

Jassisti, jikkompila, jirrevedi, u jivverifika talbiet minn entrati f'linja u rappurtar ieħor;

Jassisti fi kwalunkwe dmirijiet oħra skont kif mitlub mid-Direttur (Finanzjament) u l-maniġment superjuri;

Iwettaq dmirijiet oħra skont kif dawn ikunu assenjati minn żmien għall-ieħor.

Dmirijiet Oħra kif Assenjati

Id-deskrizzjoni tal-impjieg mhijiex neċessarjament lista eżawrenti ta' dmirijiet iżda hija intenzjonata sabiex tirrifletti l-firxa ta' dmirijiet li Amministratur tal-Apoġġ mistenni jwettaq. Id-deskrizzjoni tal-impjieg tista' tiġi riveduta regolarment u tista' tinbidel fid-dawl tal-esperjenza u f'konsultazzjoni mal-Amministratur tal-Appoġġ.

Il-fornitur tas-servizz magħżul ikun meħtieġ jipprovdi bejn 20 siegħa u massimu ta' 30 siegħa fil-ġimgħa, u jkun ibbażat fil-Kunsill Malti għall-Arti. Huwa/hija jkollu/kollha ħinijiet tax-xogħol flessibbli u jkun/tkun disponibbli biex jipprovdi servizzi f'ħinijiet mhux skedati jew mhux tas-soltu, skont l-esiġenzi tax-xogħol.

Kwalifiki, Ħiliet, u Esperjenza Meħtieġa

Sad-data tal-applikazzjoni, l-applikant għandu jkun fil-pussess tal-kwalifiki u l-esperjenza segwenti bħala minimu:

Ikollu bħala minimu kwalifika fil-Livell 2/3 al-MQF jew kwalifika ekwivalenti;

Ikollu esperjenza f'xogħol amministrattiv u/jew klerikali. Esperjenza preċedenti fl-amministrazzjoni ta' uffiċċju jew fi rwoli simili titqies bħala vantaġġ;

Ħiliet b'saħħithom fl-organizzazzjoni u l-amministrazzjoni, b'attenzjoni għad-dettall;

To act as an advocate for the entity and ensure that good relations are kept with all partners and collaborators;

To ensure telephone calls and emails are answered promptly and logged appropriately;

To ensure customers, suppliers and stakeholders contacting the Arts Council Malta with matters relating to Funding are dealt with professionally and effectively;

Liaise with other departments as required;

To ensure the confidentiality, accessibility, and security of all documentation;

To assist, compile, review and verify claims from Line Items and other reporting;

To assist in any other duties as needed by the Director (Funding) and senior management.

To carry out any other duties as assigned from time to time.

Other Duties as Assigned

This job description is not necessarily an exhaustive list of duties but is intended to reflect a range of duties the Support Administrator will perform. The job description may be reviewed regularly and may be changed in the light of experience and in consultation with the Support Administrator.

The selected service provider will be required to work between 20 hours to a maximum of 30 hours per week, based at Arts Council Malta. S/he will have flexible working hours and will be able to provide services during unscheduled or at unusual times as required by the exigencies of the work.

Qualifications, Skills and Experience Required

By the time of application, the candidate must be in possession of the below qualifications and experience as a minimum:

Possess a minimum of MQF Level 2/3 or equivalent qualification;

Possess experience in administrative and/or clerical work. Previous experience in office administration, or similar roles will be considered an asset;

Strong organisational and administrative skills and attention to detail;

Ħiliet eċċellenti fir-relazzjonijiet interpersonali u fis-servizz lill-klijenti;

Kapaċità li jaħdem taħt pressjoni u jwettaq diversi kompiti fl-istess ħin, filwaqt li jadotta approċċ ta' tim biex isolvi l-problemi fejn xieraq;

Rieda li jitgħallem u jkompli jespandi l-għarfien tiegħu/tagħha;

Kapaċità li jaħdem b'mod awtonomu bi ftit jew mingħajr superviżjoni.

Informazzjoni dwar Kuntratt u Salarju

Il-kandidati magħżula se jingħataw kuntratt ta' servizz ta' sena (1), bil-possibbiltà li dan jiġġedded għal perjodu ulterjuri, skont il-prestazzjoni tiegħu/tagħha.

Ikun iwieġeb lid-Direttur (Finanzjament) u Kap (Finanzjament) tal-Kunsill Malti għall-Arti u jopera b'sigħat flessibbli sabiex ilaħħaq mat-talbiet u r-rekwiżiti tal-pożizzjoni, u l-kandidat magħżul ikun mistenni jaħdem fi ħdan ir-regoli u r-regolamenti tas-Servizz Pubbliku ta' Malta.

Ir-remunerazzjoni hija ta' €12 fis-siegħa (eskluża l-VAT iżda inklużi kwalunkwe taxxi jew ħlasijiet oħra applikabbli).

Il-ħlas jiġi pproċessat kull xahar mill-Kunsill Malti għall-Arti wara li tiġi ppreżentata fattura b'numru tal-VAT validu.

Eliġibbiltà

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għallapplikazzjonijiet, l-applikanti jridu jkunu:

(a) ċittadini ta' Malta; jew

(b) ċittadini ta' Stati Membri tal-Unjoni Ewropea li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz ta' leġiżlazzjoni tal-UE u proviżjonijiet tat-trattat li jikkonċernaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(c) ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati mal-impjieg permezz tal-applikazzjoni ta' dak l-istess pajjiż ta' leġiżlazzjoni tal-UE jew proviżjonijiet tat-trattat li jikkonċernaw il-moviment ħieles tal-ħaddiema; jew

(d) kwalunkwe persuni li huma intitolati għal trattament ugwali bħal ċittadini Maltin fi kwistjonijiet relatati ma' impjieg ai termini tal-liġi jew il-leġiżlazzjoni tal-UE jew proviżjonijiet tat-trattat imsemmija hawn fuq, akkont tal-fatt tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'paragrafi (a), (b), jew (c); jew

Excellent interpersonal skills and customer service skills;

Ability to work under pressure and multi-task, using a team approach to solve problems when appropriate;

A willingness to learn and expand his/her knowledge;

Ability to work autonomously with little or no supervision

Contract and Salary Information

The selected candidates will be awarded a one (1) year Contract for Service, with the possibility to renew for a further period, depending on his/her performance.

Answerable to the Director (Funding) and Head (Funding) at Arts Council Malta and operating with flexible hours to meet the demands and requirements of the positions, the chosen candidate will be required to work within the rules and regulations of the Malta Public Service.

The remuneration is of €12/hour (excluding VAT but including any other taxes or charges).

Payment will be processed monthly by Arts Council Malta on receipt of an invoice with a valid VAT number.

Eligibility

By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(a) citizens of Malta; or

(b) citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(c) citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

(d) any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the above-mentioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

(e) ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw status ta' resident fit-tul f'Malta taħt ir-regolament 4 ta' 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006', jew li ngħataw permess ta' residenza taħt regolament 18(3) talistess, flimkien ma' membri tal-familja tal-istess ċittadini ta' pajjiżi terzi li ngħataw permess ta' residenza taħt il-'Family Reunification Regulations, 2007'; jew

(f) persuni fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ ai termini tar-Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta f'konformità mal-Ftehim tal-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mir-Regolamenti tal-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika.

Il-parir tad-Dipartiment taċ-Ċittadinanza u Affarijiet tal-Espatrijati fi ħdan Identità għandu jiġi miksub skont il-bżonn fl-interpretazzjoni ta' dawn il-proviżjonijiet ta' hawn fuq.

Il-ħatra tal-kandidati riferuta f'punti (b), (c), (d), (e), u (f) hawn fuq tkun tinneċessita l-ħruġ ta' liċenzja tal-impjieg skont kif mitlub mill-Att tal-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandu jiġi kkonsultat skont il-bżonn fuq din il-kwistjoni.

Kif Tapplika

Applikanti interessati għandhom jibagħtu ittra ta' motivazzjoni flimkien ma' CV u kopji taċ-ċertifikati lil (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Id-data tal-għeluq għall-applikazzjonijiet hija l-Ġimgħa, 4 ta' Settembru, 2026, f'nofsinhar.

Applikanti eliġibbli jintalbu jattendu għal intervista ta' selezzjoni.

It-28 ta' Awwissu, 2026

L-AWTORITÀ GĦAS-SAĦĦA U S-SIGURTÀ FUQ IL-POST TAX-XOGĦOL

L-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol qed tfittex biex timpjega fuq bażi full-time:

OHS Officer I
Il-Permess ta' Jobsplus: 1138/2025

Dawn is-sejħiet se jibqgħu miftuħa b'mod indefinit.

Aktar dettalji, inkluż id-dmirijiet, ir-responsabbiltajiet, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-ħtiġiet ta' kwalifiki u kif tapplika, jistgħu jitniżżlu mit-taqsima tar-reklutaġġ fis-sit elettroniku tal-Awtorità (https://www.ohsa.mt/careers).

It-28 ta' Awwissu, 2026

(e) third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

(f) persons in possession of a residence document issued in terms of the Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations.

The advice of the Department of Citizenship and Expatriate Affairs within the Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d), (e) and (f) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

How to Apply

Interested applicants are required to send a motivation letter together with a CV and copies of the certificates to (vacancies.acm@artscouncil.mt).

Closing date for applications is Friday, 4th September, 2026, at noon.

Eligible applicants will be asked to sit for a selection interview.

28th August, 2026

OCCUPATIONAL HEALTH AND SAFETY AUTHORITY

The Occupational Health and Safety Authority is seeking to recruit individuals for the full-time post of:

OHS Officer I
Jobsplus Permit: 1138/2025

The above calls will remain open indefinitely.

Details for all vacancies, including duties and responsibilities, terms of engagement, qualification requirements and mode of application can be downloaded from the careers section on OHSA's website (https://ohsa.mt/careers).

28th August, 2026

AĠENZIJA NAZZJONALI GĦALL-ARTI PERFORMATTIVA

Sejħa għal Servizz: Production Manager (Portafoll tal-Edukazzjoni u l-Outreach)

L-Aġenzija Nazzjonali għall-Arti Performattiva qed tfittex li timpjega persuna b'esperjenza, organizzata ħafna u entużjasta, fuq bażi full-time, sabiex taqdi r-rwol ta' Production Manager b'responsabbiltà għall-Portafoll tal-Edukazzjoni u l-Outreach. Dan ir-rwol jiffoka primarjament fuq it-twassil effiċjenti tal-Portafoll tal-Edukazzjoni u l-Outreach ta' Teatru Malta, is-superviżjoni ta' inizjattivi ta' outreach fuq livell tal-Aġenzija u l-loġistika tal-ensemble, filwaqt li jiżgura livell għoli ta' esekuzzjoni fil-ġestjoni ġenerali ta' proġetti teatrali.

Deskrizzjoni Ġenerali tar-Rwol

Tip ta' Ingaġġ: Kuntratt għal Servizz (l-applikanti jridu jkunu rreġistrati għall-VAT u jkollhom il-permessi meħtieġa sabiex jipprovdu s-servizzi tagħhom)

Tul: Kuntratt ta' sena

Impenn Stmat: Full-time (medja ta' 40 siegħa fil-ġimgħa, b'ħinijiet flessibbli bejn xogħol fl-uffiċċju u ġestjoni fuq il-post)

Mudell ta' Ħidma: Ibbażat fl-uffiċċju fil-kampus ta' Raħal Ġdid u b'ħidma mobbli barra mis-sit kif meħtieġ skont il-kalendarju tal-produzzjonijiet

Jirrapporta lil: Kap tal-Produzzjonijiet u Direttur għall-Amministrazzjoni

Pakkett Finanzjarju: Bejn €26,000 u €30,000 skont l-esperjenza

Għan Ewlieni

Li jieħu responsabbiltà sħiħa għall-ġestjoni tal-produzzjoni, il-kordinazzjoni u l-implimentazzjoni loġistika tal-inizjattivi edukattivi ta' Teatru Malta, ir-repertorju mmexxi mill-komunità, u l-proġetti kontinwi tal-programm. Il-fornitur magħżul se jaġixxi bħala l-ħolqa ewlenija bejn it-timijiet kreattivi, l-istituzzjonijiet edukattivi u d-dipartimenti amministrattivi interni, filwaqt li jiżgura li l-proġetti kollha jitwasslu fil-ħin, fil-limiti tal-baġit u skont l-istandards tal-akkwist pubbliku. Il-kandidat se jkun responsabbli wkoll mill-ġestjoni tat-twassil ta' inizjattivi ta' outreach fuq livell tal-Aġenzija.

Responsabbiltajiet Ewlenin

1. Ġestjoni tal-Proġetti u Tmexxija tal-Portafoll

Implimentazzjoni tal-Portafoll: Jappoġġja l-ippjanar komprensiv u l-implimentazzjoni ta' workshops, wirjiet,

NATIONAL AGENCY FOR THE PERFORMING ARTS

Call for Service: Production Manager (Education and Outreach Portfolio)

The National Agency for the Performing Arts is seeking to engage an experienced, highly organized, and enthusiastic full-time service provider to fill the role of Production Manager focusing on the Education and Outreach Portfolio. This role focuses primarily on the seamless delivery of Teatru Malta's Education and Outreach Portfolio, the overseeing of agency wide outreach initiatives and ensemble logistics, while ensuring high-level execution of general theatre project management.

Role Overview

Engagement Type: Contract for Service (Applicants must be VAT Registered and have necessary permits to provide their services)

Duration: Yearly contract

Estimated Commitment: Full-time (Average of 40 hours per week, with flexible hours across office work and site management)

Working Model: Office-based at the Paola campus and off-site mobile operations as required by the production calendar

Reporting to: Head of Productions and Director for Administration

Financial Package: between €26,000 and €30,000 depending on experience

Primary Objective

To take full ownership of the production management, coordination, and logistical rollout of Teatru Malta's educational initiatives, community-led repertoire, and ongoing programme projects. The selected provider will act as the crucial link between creative teams, educational institutions, and internal administrative departments, ensuring all projects are delivered on time, within budget, and to public procurement standards. The candidate will also manage the delivery of agency wide outreach initiatives.

Key Responsibilities

1. Project Management and Portfolio Leadership

Portfolio Execution: Support the comprehensive planning and implementation of workshops, performances,

attivitajiet fl-iskejjel u inizjattivi ta' involviment komunitarju fi ħdan il-portafoll.

Truppa Company: Jissorvelja l-operat ta' kuljum, il-kordinazzjoni tal-artisti u l-loġistika tat-tours.

Inizjattiva u Festival Trikki Trakki: Jimmaniġġja l-kuntatt mal-iskejjel, l-implimentazzjoni tal-programm, l-iskedi tat-twassil u l-ġestjoni sħiħa tal-produzzjoni tal-festival annwali taż-żgħażagħ.

Inizjattiva Studio Francis Ebejer: Jikkordina u jwassal iċ-ċiklu tal-proġett skont il-parametri kreattivi u tekniċi stabbiliti.

Klassi tas-Surmast u Ġambori: Imexxi l-ġestjoni loġistika tal-masterclasses, l-iskedi ta' żvilupp professjonali, il-komunikazzjoni mal-prattikanti u l-esekuzzjoni tal-avvenimenti.

Ġestjoni tal-ensemble u R&D: Jippjana strateġikament u jimmaniġġja l-iskedar tal-ensemble, il-moduli ta' taħriġ u l-appoġġ amministrattiv għall-fażijiet attivi ta' riċerka u żvilupp.

Inizjattivi oħra ta' outreach fuq livell tal-aġenzija: Jappoġġja l-ħolqien ta' inizjattivi ġodda ta' outreach u jimmaniġġja t-tmexxija effiċjenti ta' programmi, inklużi proġetti mal-komunitajiet, gruppi minoritarji u s-settur edukattiv.

2. Produzzjoni, Appoġġ Tekniku u Appoġġ fuq il-Palk

Jaġixxi bħala l-punt dirett ta' kordinazzjoni loġistika bejn Teatru Malta u t-timijiet kreattivi, tekniċi u tal-venues involuti fil-proġetti.

Jikkordina r-rekwiżiti tekniċi, l-iskedi tal-produzzjoni, l-ispeċifikazzjonijiet tal-venues, il-ħtiġiet ta' tagħmir u l-loġistika fuq il-post għall-proġetti assenjati.

Iwettaq żjarat fil-venues u jappoġġja l-valutazzjoni tal-ispazji sabiex tiġi żgurata l-adegwatezza tagħhom mil-lat ta' produzzjoni, tekniku u ta' aċċessibbiltà.

Jipprovdi kordinazzjoni diretta u prattika tal-produzzjoni fuq il-post matul ġimgħat intensivi ta' produzzjoni.

Appoġġ fl-Istage Management: Jipprovdi assistenza diretta u appoġġ loġistiku lill-Stage Manager waqt il-provi, il-ġimgħat tekniċi u l-wirjiet live, meta jkun meħtieġ.

Jimmaniġġja proġetti kontinwi tal-Programm ta' Teatru Malta kif assenjati mill-Kap ta' Teatru Malta.

school-based activities, and community engagement initiatives across the portfolio.

Truppa Company: Oversee day-to-day operations, performer coordination, and touring logistics.

Trikki Trakki Initiative & Festival: Manage school liaisons, programmatic rollout, delivery timelines, and full production management of the annual youth festival.

Studio Francis Ebejer Initiative: Coordinate and deliver the project cycle within its established creative and technical parameters.

